**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 13 ta' Frar 2024**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru: 950/2023JVC**

**AMC Marketing Limited (C18702)**

**vs**

**Main Store Foods Limited (C93592)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti AMC Marketing Limited prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta' rikorrenti hija wahda li fost affarijiet ohra timporta u tbiegh affarijiet in konnessjoni ma' *disposables*, *packaging* u prodotti ancillari;

2. Illi s-socjeta' Intimata ordnat minghand ir-rikorrenti diversi min dawn il- prodotti liema prodotti gew debitament ikkunsenjati lilha;

3. Illi ghal dawn il-prodotti l-Intimata ghad fadlilha thallas bilanc fl-ammont ta' hmistax-il elf erba mija u tlieta u hamsin ewro u dsatax-il centezimu (€15,453.19c) kif muri mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok 'AMC1' u l-fatturi varju AMC 2 sa AMC 13;

4. Illi avolja s-socjeta' Intimata giet debitament interpellata sabiex thallas dina s-somma dina ghazlet li tibqa' inadempjenti u fil-fatt sal-gurnata tal-lum ir-rikorrenti ma thallset xejn minn dan kollu ;

5. Illi huwa car illi dan l-ammont indikat huwa cert, dovut u likwidu u per konsegwenza s-socjeta' Intimata m'ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti in kontrotrattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kkontemplati fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ghal dak li jirrigwarda t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ai termini ta' l-Artikolu 167 hawn fuq citat ;

6. Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti kellha tressaq din il-kawza.

**Ghaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikorrenti għar-raġunijiet iddikjarati, u bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża bi proċeduri sommarji speċjali kif stabiliti skont il-liġi ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, titlob lil dina l-Onorrabbli Qorti, salv kwalunkwe dikjarazzjoni, ordni jew digriet li jidrilha xieraq u opportun, biex tordna lill-intimata biex tidher quddiemha f'data u ħin stabilit minn din l-istess Qorti u jekk l-intimata ma' tidhirx jew tonqos milli turi matul dik is-seduta li għandha difiża valida biex tikkontesta ir-rikjesti tar-rikorrenti, il-Qorti għandha:**

**i. Tipproċedi biex tagħti sentenza rigward il-kwistjoni b'mod sommarju u dan ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**ii. Tiddikjara w tiddeċiedi illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' hmistax-il elf erba mija u tlieta u hamsin ewro u dsatax-il centezimu (€15,453.19c) rapprezentanti bejgh ta' diversi prodotti li xtrat minghand l-istess rikorrenti;**

**iii. Konsegwentement tikkundanna lill-intimata *t*ħallas lir-rikorrenti is-somma ta' hmistax-il elf erba mija u tlieta u hamsin ewro u dsatax-il centezimu (€15,453.19c).**

**Bl-ispejjeż li jinkludu dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 69/23 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1152/23 u l-imgħaxijiet legali kontra l-intimati mid-data minn meta l-ammont kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**
**L-intimati qed jiġu nġunti minn issa in subizzjoni.'**

Rat illi s-socjeta' intimata debitament notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni msejha diversi drabi ma dehritx u ghalhekk din il-Qorti ddikjarata kontumaci.

Semghat ix-xhieda ta' Christopher Zammit rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti AMC Marketing Limited li kkonferma bil-gurament illi s-somma ta' hmistax-il elf, erba' mija u tlieta u hamsin euro u dsatax-il centezimu (€15,453.19c) ghadha dovuta.

Rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat fosthom l-i*statement of accounts* a fol 5 et seq tal-process li jikkonferma s-somma rikjesta, kif ukoll il-kopja tal-*invoices* li l-ikoll flimkien jiffurmaw is-somma pretiza.

Illi stante mid-dokumentazzjoni u mix-xhieda tallum stess jirrizulta li s-somma rikjesta hija dovuta filwaqt illi fl-istess hin is-socjeta' intimata ma dehritx biex b'xi mod tikkontesta l-pretensjoni tar-rikorrenti, l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet rimanenti tas-socjeta' rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata Main Store Foods Limited hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' hmistax-il elf erba mija u tlieta u hamsin ewro u dsatax-il centezimu (€15,453.19c) rapprezentanti bejgh ta' diversi prodotti li xtrat minghand l-istess rikorrenti;

3. Tilqa′ t-tielet talba u tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta′ hmistax-il elf erba mija u tlieta u hamsin ewro u dsatax-il centezimu (€15,453.19c).

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta′ intimata u bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta′ Frar 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta′ Frar 2024**